**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Hubert A Cini]**

**vs**

**Glenn Bundy**

**Kumpilazzjoni Numru: 1002/14**

**Illum, 21 ta' Marzu, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Glenn Bundy detentur tal-karta tal-identita` numru 489586(M).

Akkuzat talli:

1) Fil-10 ta' Settembru 2014 u fix-xhur ta' qabel, f'Malta, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat; jew bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lilħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik lil Francesca Nadin; jew jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, bi ksur tal-artiklu 49 (a) (b) (c) tal- Kap 399 tal- Ligijiet ta' Malta.

2) Fil- 10 ta' Settembru 2014 u fix- xhur ta' qabel, f'Malta, mingħajr awtorizzazzjoni għamel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu għamel output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-computer li jkunu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittellgħu bi xbiha jew b'kull mod ieħor li jkun; bi ksur tal-artiklu 337Ċ. (1) (b) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

3) Talli fis-16 ta' Awwissu 2014 f'Malta, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' Francesca Nadin, iweġġgħaha bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, bi ksur tal-artiklu 252 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

4) Talli f'Malta fis-16 ta' Awwissu 2014 u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet tat fastidju lil mara tieghu Francesca Nadin u dan bi ksur tal-Artikli 251 A tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

5) Talli f'Malta fis-16 ta' Awwissu 2014 u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet, ikkaġuna lil Francesca Nadin biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta` ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti u dan bi ksur tal-Artikli 251 B tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9.

6) Talli f'Malta fis-16 ta' Awwissu 2014 u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet ikkaġuna lil Francesca Nadin allarm jew dwejjaq li jkollu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' l-istess Francesca Nadin dan bi ksur tal-Artikli 251 BA tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9.

7) Talli f'Malta fis-16 ta' Awwissu 2014 u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet ikkaġuna lil ingurjajt u hedded lil Francesca Nadin mhux mod iehor imsemmija fil-Kodici Kriminali Kap 9 u dan bi ksur tal-Artikli 339 (e) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9.

8) Talli f'Malta fis-16 ta' Awwissu 2014 u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet ikkaġuna lil ingurja u hedded lil Nathaniel Buhagiar mhux mod iehor imsemmija fil-Kodici Kriminali Kap 9 u dan bi ksur tal-Artikli 339 (e) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9.

9) Talli fis-16 ta' Awwissu 2014, f'Malta, f'diversi hinijiet, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat; jew bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik lil Nathaniel Buhagiar jew jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, bi ksur tal- artiklu 49 (a) (b) (c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

10) Talli bejn 01/08/2013 u 08/10/2013 gewwa Triq ir-Rebha il-Gzira, b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg ta' Francesca Nadin, mobbli jew immobbli billi kisser bibien u letterbox ghal dannu ta' mhux aktar minn Ewro 250 u dan bi ksur tal-Artikli 325 (c) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Glen Bundy u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti pprezentati; u

L-artikoli indikati; u cioe` l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 337C (1)(b), 252, 251A, 251B, 251BA, 339(e), 325(c), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qieghda ssib lill-imputat Glenn Bundy hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante illi t-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7), it-tmien (8) u disa' (9) akkuza huma irtirati mill-parte civile, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**